25 ta' Ġunju, 1951.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir *George* Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Alfred *Tagliaferro ne. versus* Antonio Cini

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Appell — Kwistjoni ta' Dritt — Art. 25 (1) tal-Kap. 109.**

*Mis-sentenzi tal-Board tal-Kera jingħata appell biss fuq punt ta' dritt li jkun ġie maqtugħ mill-Board. Imma s-sempliċi applikazzjoni tal-liġi għall-fatt ma tammontax għal kwistjoni ta' dritt.*

*Il-kwistjoni ta' dritt li fuqha jiġi bażat l-appell trid tkun kwistjoni li tfurmat kontroversja quddiem il-Board bejn il-partijiet u ġiet deċiża bis-sentenza appellata; u għalhekk fl-appell ma jistgħux jinġiebu motivi ta' aggravji li ma ġewx addotti quddiem il-Board; għax la ma ġewx hemm addotti, ma hemmx deċiżjoni fuqhom. U mhux leċitu li jinġiebu quddiem l-Appell kwistjonijiet ġodda ta' dritt biex jirrendu s-sentenza appellabili.*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors ta' Alfred Tagliaferro, bħala Manager tan-National Bank of Malta, quddiem il-Board li jirregola l-Kera għal Għawdex, fejn talab li jerġa' jieħu taħt idejh *il-ħanut* nru. *11*, Main Square, Victoria, mikri lill-intimat, għaliex għandu bżonn tal-fond biex jiżviluppah, bl-obbligu illi l-intimat jerġa' jokkupa l-fond wara r-rikostruzzjoni. *Provviżorjament* jiġi offert lill-intimat il-fond nru. 25 Main Square, Victoria;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni mogħtija minn dak il-Board fid-29 ta' Mejju 1951, li biha ġiet milqugħa t-talba bil-kondizzjoni illi l-*intimat ikollu d-dritt* jieħu lura l-fond wara r-rikostruzzjoni, u li għandu jkollu t-tul ta' mhux anqas minn sittax-il pied u d-dimensjonijiet l-oħra msemmija fil-pjanta, u bil-kondizzjoni li r-*rikorrent* jottempera ruħu għall-obbligi minnu assunti fil-verbal tal-15 ta' Mejju 1951, u jirrendi l-post offert adattat għall-eżiġenzi *tas-sengħa ta'* l-intimat, u li jirrifondi l-ispejjeż tat-trasport ta' l-affarijiet inservjenti għall-ħanut tiegħu minn post għall-ieħor u viceversa, u jirrifondi l-ħsarat li even*twalment jista'* jsofri minħabba *t-traslok* provviżorju; u ġie

mogħti lill-intimat ħmistax-il ġurnata żmien biex jiżgombra; l-ispejjeż iħallashom ir-rikorrent; wara li kkunsidra;

Illi mill-provi mismugħa rriżulta illi l-Bank rappreżentat mir-rikorrent sejjer jikkostruwixxi fuq il-fond imsemmi fir-rikors u fondi oħra viċini edifizju skond il-pjanta eżibita mill-perit Carmelo Attard, li ġie nkarikat mir-rikostruzzjoni;

Illi r-rikorrent qiegħed jitlob ir-ripreża tal-fond bil-kondizzjoni illi l-intimat jerġa' jokkupa l-fond wara r-rikostruzzjoni, u offra lill-intimat provviżorjament, sakemm tkun lesta r-rikostruzzjoni, il-fond nru. 25 Main Square, Victoria, li mill-ispezzjoni magħmula mill-membri tekniċi ta' dana l-Board rriżulta illi. għalkemm hu daqsxejn iżgħar, huwa adattat, u mill-banda l-oħra, skond il-verbal tal-15 ta' Mejju 1951, ir-rikorrent iddikjara li huwa lest biex jirrendi l-post offert adatt għall-eżiġenzi tas-sengħa u li hu lest li jirrifondi lill-intimat l-ispejjeż għat-trasport ta' l-affarijiet inservjenti għall-ħanut tiegħu minn post għall-ieħor u, okkorrendo, anki viċeversa, li jirrifondi l-ħsarat li eventwalment jista' jsofri fl-affarijiet fuq imsemmja minħabba t-traslok provviżorju;

Illi mill-ispezzjoni tal-fond imsemmi fir-rikors u mill-eżami tal-pjanta ġa msemmija, għalkemm il-fond, kif sejjer ikun rikostruwit, sejjer ikun iżgħar minn kif inhu l-lum, pure dan mhux sejjer ikun ta' preġudizzju lill-intimat;

U illi mill-premess jidher illi l-intimat mhux sejjer isofri preġudizzju kbir, molto più illi l-post offert jinsab fl-istess lokalità;

Rat ir-rikors quddiem dina l-Qorti, ta' l-imsemmi Antonio Ċini, li talab li l-imsemmija sentenza tiġi revokata, billi tiġi miċħuda t-talba tar-rikorrent Alfred Tagliaferro; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat fuq l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità;

Illi skond il-liġi (art. 25 (1) Kap. 109, Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta), mis-sentenzi tal-Board li jirregola l-Kera ma hemmx appell ħlief fuq punt ta' liġi maqtugħ mill-Board. Kif ġie deċiż minn dina l-Qorti fid-19 ta' Ġunju 1944, in re "Sciberras vs. Cardona" (Kollez. Vol. XXXII — parti I. paġ. 72), huwa evidenti li l-intenzjoni tal-leġisla-

tur kienet intiża biex tagħti dritt għall-appell biss f'dawk il-każi meta kwistjonijiet ta' dritt kienu diskussi u definiti mill-Board. Gie wkoll deċiż minn dina l-Qorti li s-sempliċi applikazzjoni tal-liġi għall-fatt ma tammontax għal deċiżjoni ta' kwistjoni ta' dritt; għaliex diversament kull sentenza hija appellabili, billi f'kull sentenza tinsab dik l-applikazzjoni. Jingħad ukoll li biex sentenza tkun appellabili hemm bżonn li dik il-kwistjoni tkun iffurmat kontroversja quddiem il-Board bejn il-partijiet, u tkun ġiet deċiża bis-sentenza appellata;

Ikkunsidrat;

Illi fis-sentenza li minnha hemm appell tinsab espożizzjoni tal-fatti kif riżultati quddiem il-Board u valutazzjoni tal-"hardship" ta' l-appellant fil-każ li t-talba tiġi milqugħa. Il-motivi ta' l-aggravju miġjubin fir-rikors ta' l-appell ma ġewx addotti quddiem il-Board, li għalhekk ma setax jagħti deċiżjoni fuqhom. Jingħad anzi li l-appellant, fir-risposta tiegħu quddiem il-Board (fol. 8) ma opponiex it-talba ħlief fuq motivi ta' hardship, u ammetta espressament li l-Board "għandu l-fakoltà li jilqa' fid-diskrezzjoni tiegħu talbiet simili anki għall-fondijiet ta' natura kummerċjali, iżda qabel jagħmel hekk għandu jqis il-hardship ta' l-intimat";

Ikkunsidrat;

Illi l-kwistjonijiet sollevati fir-rikors ta' l-appell ma ffurmawx kontroversja quddiem il-Board bejn il-kontendenti, u għalhekk ebda deċiżjoni ma ġiet mogħtija fuqhom. Fis-sentenza tal-Board ma ġiex maqtugħ ebda punt ta' dritt, u ma jistax ikun leċitu li tiġi miġjuba 'l quddiem kwistjoni ta' dritt quddiem dina l-Qorti biex hekk dik is-sentenza ssir appellabili. Dik is-sentenza tikkontjeni biss apprezzament ta' fatti, u fuq hekk ma hix ċensurabili minn dina l-Qorti;

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità opposta mill-appellant nomine, u konsegwentement tiddikjara irritu u null l-appell miġjub 'il-quddiem kontra s-sentenza mogħtija mill-Board li jirregola l-Kera għal Għawdex fid-29 ta' Mejju 1951; bl-ispejjeż kontra l-appellant Antonio Cini.